MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 518/2007

**Maltacom p.l.c. C22334 u b'digriet tas-27 ta' Novembru, 2007 l-isem tas-socjeta' attrici gie sostitwit bl-isem GO plc**

**Vs**

**Ehsen Hassan ID: 496397M u Antonia Hassan Aquilina ID: 7064M**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf tlett mija u disgha u sittin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1,369.22c) rapprezentanti zewg servizzi telefonici bin-numri 21650744 u 21578046.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf tlett mija u disgha u sittin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1,369.22c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------